# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Justin Camilleri** (ID50885M)

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Justin Camilleri** (ID50885M), li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar il-5 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tat-20:00 fi 5, il-Ħemda, Triq il-Kbira, Sqaq Numru 3, Ħaż-Żebbuġ:-

(1) Kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied; u

(2) inġurja u/jew hedded lil Emanuel Abela u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan huwa episodju waħdieni fost bosta li hemm bejn l-imputat u l-parte civile. Għalkemm il-partijiet jaqblu li kien hemm battibekk bejn l-imputat u l-parte civile dakinhar tal-5 t'Ottubru 2014, dawn ma jaqblux fid-dettalji l-aktar rilevanti.

Attard jgħid li l-imputat Camilleri kien bil-kelb tiegħu quddiem id-dar tiegħu u x'ħin wasal Attard, Camilleri beda jkeskes il-kelb għall-parte civile. Skont Attard il-kelb kien Rottweiler. Attard jgħid li lil Camilleri qallu "issa ħa titlaqli l-kelb" u jgħid ukoll li Camilleri qallu "iva ħa nitlaqlek il-kelb u ngħidlek kif....issa ngħidlek jien, issa nkelmek jien". Skont Attard, din l-aħħar espressjoni Camilleri użaha għal aktar minn darba, pero jista' jkun li qallu wkoll "issa tkun taf int". Attard ħass li dan kien kliem ta' theddid u mistqarr b'ton ta' theddid u b'aggressivita'. Minkejja dan, Attard jistqarr li huwa ma għamilx il-kwerela mal-Pulizija dakinhar stess, u dan biex kemm jista' jkun iħalli kollox jorqod. Pero imbagħad Attard jgħid li Camilleri qala' l-problemi u Camilleri għamel ir-rapport tiegħu, spiċċa biex biddel il-ħsieb u fit-8 t'Ottubru 2014 għamel il-kwerela tiegħu ukoll. Attard jgħid li dakinhar ta' dan l-inċident kienu hu u Camilleri biss u fit-triq ma kien hemm ħadd aktar.

Verżjoni differenti ħafna joffruha l-imputat u martu. Essenzjalment dil-verżjoni fiha differenzi sostanzjali minn dik mistqarra minn Attard. Qabel xejn il-konjuġi Camilleri jgħidu li għal dan l-inċident ma kienux parteċipi biss l-imputat u Attard, iżda kienet involuta sa mill-bidu

tiegħu l-istess Anthea Camilleri. Hi tgħid li waqt li kienet ġewwa f'darha bdiet tisma' lil Attard joffendihom bil-familja u ma felhitux b'dawn l-offiżi. Għalkemm kienet beżgħana minnu, hija marret tgħidlu biex jieqaf joffendihom. Pero tgħid li meta ra lilha Attard infexx jgħajjarha kerha u għajjarha wkoll b'għajnejha. Żewġha l-imputat kien ukoll ġewwa d-dar u meta semgħa dan it-tgħajjir Camilleri xiref mit-tieqa tal-ewwel sular u qal lil Attard "ħa naqtgħuha din darba għal dejjem". Hemmhekk Attard beda jgħidlu "hawn San Domenico Savio" fost tgħajjir vulgari. Camilleri niżel isfel u fetaħ il-bieb tar-remissa waqt li Anthea Attard kienet fil-bieb prinċipali tad-dar. Żewġha ma ħareġx il-barra mill-bieb tar-remissa u ħadd minnhom ma ħareġ il-barra mill-bieb ta' barra u tar-remissa. Anthea Camilleri tgħid li waħda mit-tliet iklieb li għandhom marret ħdejn żewġha fil-bieb tar-remissa. Kien f'dak il-mument li Attard, li kien faċċata tal-bieb tar-remissa qal lil żewġha "ejja ħalli tkeskishieli issa". L-imputat qallu li ma kienx ser ikeskishielu. Attard qallu : "mela qiegħed tibża" u żewġha wieġbu "le m'inix ser nibża minnek" u sabbattlu l-bieb f'wiċċu u daħlu l-ġewwa. Sadattant dwar dan l-inċident la hija u l-anqas żewġha ma kienu għamlu kwerela mal-Pulizija.

L-imputat offra verżjoni li essenzjalment taqbel ma dik mistqarra minn Anthea Camilleri. Huwa jgħid li għalkemm huwa minnu li għandhom żewġ Rottweilers, dik il-kelba li marret ħdejn kienet "cane corso". Huwa niżel isfel u qal lill-Attard biex iħallihom bi kwiethom u l-kelba

niżlet isfel miegħu ukoll u huwa żamma lill-kelba. Kien Attard li stiednu biex jitlaq lil kelb u Camilleri qallu li ma kienx ser jitlaq lil kelb għal Attard. Attard qallu "mela qed tibża'" u l-imputat wieġbu li ma kienx qiegħed jibża' minnu. Matul parti minn dan l-inċident kien hemm ukoll tifel t'Attard li kien preżenti u li prova li jwaqqaf lil Attard.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Qorti jidhrilha li hemm kunflitt fil-provi prodotti dwar l-aspetti l-aktar importanti ta' dan il-każ. Il-Qorti temmen li kien hemm diverbju bejn Attard u Camilleri. Pero ma hemmx provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li Camilleri kien barra mir-residenza tiegħu bil-kelb Rottweiler daqskemm ma tistax tqis pruvat il-fatt li Camilleri kien qiegħed ikeskes il-kelb għal Attard. Din il-Qorti tqis li verament Attard setgħa inħasad x'ħin il-kelba "cane corso" niżlet ħdejn sidha l-imputat u jista' jkun li ħassu xi ftit imbeżża' wkoll. Pero jirriżulta mill-provi li l-imputat żamm lil din il-kelba u bl-ebda mod ma jirriżulta li din il-kelba għamlet għal Attard.

Kwantu għal kliem allegatament mistqarr minn Camilleri lejn Attard, il-Qorti tqis li anke hawn ma hawnx provi konklussivi li Camilleri hedded jew inġurja lil Attard. Anzi jidher li Attard, minkejja li kellu l-opportunita li jibqa' dieħel f'daru, huwa baqa' jargumenta mal-konjuġi Camilleri minflok. Anzi, l-imputat jgħid li għal parti minn dan l-

inċident, kien hemm ukoll iben Attard preżenti, iżda dan għal xi raġuni ma nġabx jixhed. Mill-provi prodotti il-Qorti ma tistax tifhem kif Attard ħassu mhedded meta huwa baqa' jargumenta mal-konjuġi Attard sakemm dawn għalqulu l-bieb f'wiċċu u li l-kwerela għal dan il-każ Attard għamilha biss tliet ijiem wara, b'ritaljazzjoni għal kwerela separata magħmula mill-imputat u martu.

In definittiva l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## ***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih minħabba li ma ġewx soddisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum id-9 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***